**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 6 ta' Marzu 2017**

**Rikors Numru. 19/16**

**Azzopardi Waterproofing**
**vs**
**Transport Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikorsipprezentat mis-socjeta` Azzopardi Waterproofing Limited ipprezentat fl-1 ta' April 2016 li permezz tieghu ippremettiet is-segwenti:-

*"Illi fl-1996, s-socjeta esponenti kienet akkwistat forklifter tal-ghamla Daewoo li l-partikolaritajiet taghha qed jidhru fid-Dokument A mehmuz ma dan r-rikors;*

*Illi gara li meta sar l-akkwist tal-forklifter msemmi, s-socjeta esponenti kienet ghazlet, minghajr ma rrinunzjat b'ebda mod ghad-dritt li ghandha li l-istess vettura tigi rregistrata formalment u kif kellha kull drit li taghmel skond il-ligi, li temporanjament ma tapplikax sabiex jinhargu pjanci ta'registrazzjoni li kienu jippermettu li l-istess forklifter;*

*Illi dan sehh peress li f'dak z-zmien l-istess socjeta esponenti ma kelliex l-intenzjoni li l-istess forklifter jintuza barra l-konfini tal-bini tan-negozju tas-socjeta mittenti;*

*Illi ricentement u dan anke minhabba l-fatt li l-istess socjeta qed tippartecipa f'negozju iehor, l-istess socjeta hasset il-bzonn li l-istess forklifter jehtieg li jkun jista jintuza anke fit-triq u cioe' barra l-konfini tal-bini tan-negozju tas-socjeta mittenti;*

*Illi in vista ta'dan l-istess socjeta mittenti ghamlet l-applikazzjoni idoneja ghand l-Awtorita ntimata sabiex l-istess forklifter jigi rregistrat formalment u jkun jista jintuza fit-triq;*

*Illi s-socjeta mittenti ilha ghal hafna snin tikkorrispondi kemm verbalment kif ukoll bil-kitba mal-Awtorita ntimata sabiex din tal-ahhar tohrog c-certifikat tar-regisstrazzjoni fir-rigward tal-forklifter fuq msemmi;*

*Illi l-istess Awtorita rrifjutat persistentement u qedgha tkompli tirrifjuta b'mod l-aktar arroganti u abuziv milli taghmel dak li hija mehtiega taghmel skond il-ligi;*

*Illi bir-rifjut taghha, liema rifjut gie kkomunikat lis-socjeta rikorrenti anke permess tal-ittra ufficcjali mibghuta mill-istess Awtorita ricevuta mis-socjeta rikorrenti fis-17 ta'Marzu 2016, kopja tal liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B, l-istess Awtorita ntimata qedgha iccahhad lill-istess socjeta esponenti b'mod illegali u abuziv mid-dritt li l-istess socjeta ghandha skond l-ligi u cioe' li l-forklifter msemmi jigi rregistrat skond il-ligi;*

*Illi bl-istess rifjut taghha, senjatament mill- ittra ufficcjali mibghuta mill-istess Awtorita ricevuta mis-socjeta rikorrenti fis-17 ta'Marzu 2016, l-istess Awtorita ntimata qedgha ccahhad lis-socjeta rikorrenti mid-dritt li l-istess socjeta rikorrrenti ghandha ghall-godiment tal-proprjeta taghha;*

*Illi dan, l-Awtorita ntimata qed tkompli taghmlu b'vjolazzjoni cara tal-Artiklu 37 tal-Kapitlu 4 tal-Kostituzzjoni ta'Malta u l-Artiklu 1 tal-Protokol tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*Illi dan r-rifjut da parti tal-Awtorita ntimata huwa agir illegali u abusiv u vjolativ tad-drittijiet li ghandha s-socjeta esponenti skond il-ligi, kif fuq msemmi;*

*Ghaldaqstant s-socjeta esponenti umilment titlob lil dan t-Tribunal sabiex jordna lill-istess Awtorita ntimata, u cioe' Transport Malta, tohrog c-certifikat tar-registrazzjoni idoneju fir-rigward tal-forklifter fuq msemmi kif fuq spjegat u dan f'terminu li ghandu jigi stabilit mill-istess Tribunal u taht dawk il-kundizzjonijiet li l-istess Tribunal jidhrilhu ghandu jimponi fic-cirkostanzi."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` intimata** ipprezentata fil-11 ta' April 2016 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"*

1. *Illi, preliminarjament, l-azzjoni odjerna ghandha tigi dikjarata dezerta stante li, qabel ma gie intavolat dan l-appell, is-socjeta' rikorrenti naqset milli thallas lill-Awtorita` rispondenti l-ispejjez ta' appell precedenti minnha intavolat fl-istess ismijiet (Rikors numru 23/2015 CG) illi gie cedut fit-12 ta' Jannar 2016.*

2. *Illi, in linea preliminari wkoll, ir-rikors tal-appell interpost mis-socjeta' rikorrenti ghandu jigi sommarjament respint stante illi dan gie palezement prezentat fuori termine u dan in vista tal-fatt illi d-decizjoni tar-rifjut ilha li giet ikkomunikata lis-socjeta' rikorrenti mill-Awtorita` rispondenti snin shah u certament illi, anke skont gurisprudenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal (u anke tal-Qrati taghna f'cirkostanzi simili, ad ezempju, azzjonijiet a tenur tal-Artikolu 469A tal-Kap 12) certament li r-*

*rikorrent ma jistax jestendi t-terminu statutorjament stabbilit bil-ligi biex jagixxi gudizzjarjament billi jerga' jaghmel l-istess talba li diga' tkun giet rifjutata u, meta jircievi l-ennezima risposta ta' rifjut, b'mod fittizju jippretendi illi t-terminu jibda jiddekorri mill-ahhar risposta ta' rifjut, kif kjarament ghamlet is-socjeta' rikorrenti fil-kaz odjern.*

3. *Illi, sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, a tenur tar-Regolament 6(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02 l-Awtorita` rispondenti ma tistax taghmel dak illi s-socjeta' rikorrenti qed titlob illi jsir, u cioe` li "tohrog ic-certifikat ta' registrazzjoni idoneju fir-rigward tal-'forklifter' fuq imsemmi" minghajr il-prezentazzjoni tad-dokumentazzjoni rikjesti ad validitatem skont ic-citat provvediment tal-ligi, u b'kull rispett, dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux jordna lill-Awtorita` rispondenti sabiex teffettwa registrazzjoni ta' vettura bi ksur tal-provvedimenti tal-ligi nnifisha.*

4. *Illi, addizzjonalment ghat-tielet paragrafu ta' din ir-risposta, gjaladarba s-socjeta' rikorrenti mhijiex f'pozizzjoni illi tipprovdi lill-Awtorita` rispondenti dik id-dokumentazzjoni li hija rikjesta b'mod mandatarju skont il-fuq citat Regolament 6(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02 – indipendentement minn x'inhuma r-ragunijiet ghaliex is-socjeta' rikorrenti mhijiex f'pozizzjoni li taghmel dan, ghaliex l-Awtorita` rispondenti ma tidholx f'dik il-kwistjoni u kwalsijasi vertenza li hemm bejn is-socjeta' rikorrenti u min kien bieghilha dan il-forklifter hija res inter alios acta bejniethom – l-Awtorita` rispondenti hija prekluza mil-ligi li tohrog tali certifikat ta' registrazzjoni. Effettivament dak li qed titlob is-socjeta' rikorrenti hija li l-Awtorita` rispondenti tinjora u tikser il-provvedimenti tal-ligi (xi haga li kjarament l-Awtorita` rispondenti mhijiex disposta li taghmel) sabiex taghmel tajjeb ghan-nuqqas tas-socjeta' rikorrenti u/jew tal-ante kawza taghha ghaliex m'ghandhiex fil-pussess taghha d-dokumentazzjoni mehtiega.*

5. *Illi, in oltre, dan l-Onorabbli Tribunal mhuwiex vestit bil-kompetenza illi jinvestiga u jiddetermina lamenteli ta' indoli kostituzzjonali ventilati mis-socjeta' rikorrenti fir-rikors tal-appell promotur.*

6. *Illi ghal dawn il-motivi kollha r-rikors intavolat mis-socjeta' rikorrenti ghandu jigi sommarjament michud bl-ispejjez."*

Ra l-process numru 23/2015, liema process jinsab allegat mal-process odjern ai termini tad-digriet ta' dan it-Tribunal datat 19 ta' April 2016;

Ra illi l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata hija ta' natura preliminari u li r-rikors gie mholli ghal-lum ghal decizjoni dwar din l-eccezzjoni;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-istess eccezzjoni;

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tar-rikors odjern is-socjeta` appellanti qieghdha titlob lil dan it-Tribunal sabiex jordna lill-Awtorita` intimat tohrog ic-certifikat ta'

registrazzjoni idoneju fir-rigward ta' *forklifter* f'terminu stabbilit mill-istess Tribunal. Illi din l-istess talba kienet saret precedentement permezz ta' rikors iehor ipprezentat fis-27 ta' April 2015 (Rikors Numru 23/2015) liema atti gew rinunzjati mis-socjeta` rikorrenti fl-24 ta' Novembru 2015.[1]

Illi b'risposta ghat-talba tas-socjeta` rikorrenti, l-Awtorita` intimata, preliminarjament, eccepiet illi l-azzjoni oderjna ghandha tigi dikjarata dezerta stante li, qabel ma gie intavolat dan l-appell, is-socjeta` rikorrenti ma hallsitx l-ispejjez tal-appell precedenti minnha intavolat fl-istess ismijiet u li gie cedut.

Illi d-difensur tas-socjeta` rikorrenti argumenta, fis-sottomissjonijiet orali tieghu, illi l-Awtorita` intimata qatt ma interpellat lill-istess socjeta` ghal tali hlas. Min-naha l-ohra, d-difensur tal-Awtorita` intimata, argumenta illi tali interpellazzjoni ma kinitx necessarja ghax jiskattaw id-disposizzjonijiet tal-ligi dwar id-dezerzjoni.

Illi ai termini tal-artikolu 906 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kull waħda mill-partijiet tista', b'nota ffirmata minnha jew mill-avukat tagħha, f'kull waqt tal-kawża sas-sentenza definitiva, tirrinunzja għall-atti illi hija tkun ippreżentat. Illi kif gie ritenut fis-sentenza ***Joseph Abela vs Katarina Cachia*** (Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri datata 21 ta' Frar 2007) *"la rinunzia agli atti di regola importa la estinzione della procedura e non quella dell'azione, ed in conseguenza la rinunzia con animo di meglio dirigersi lascia aperto il diritto alla riproposizione della stessa domanda (Kollez. Vol. XXVIII P III p 737)."* Illi, pero`, ai termini tal-artikolu 907 (2) biex il-parti li tirrinunzja għall-atti terga' tipproponi azzjoni gdida dwar l-istess mertu, hija għandha tħallas l-ispejjeż tal-kawża. Fl-istess sentenza su citata gie wkoll enuncjat illi "*din id-disposizzjoni tapplika wkoll meta l-azzjoni tigi proposta f'Qorti diversa minn dik li quddiemha kienet giet qabel proposta u dan id-difett ma jistax jigi sanat billi l-parti li naqset thallas dawk l-ispejjez toffri l-hlas taghhom waqt it-trattazzjoni tal-kawza riproposta" (Kollez. Vol. XLIV P II p 771. Ara wkoll Kollez. Vol. XXXIX P II p 804)."*

Illi d-difensur tas-socjeta` rikorrenti issottometta li dan it-Tribunal jista' jirregola l-proceduri tieghu huwa nnifsu u kwindi mhux necessarjament josserva d-dettami tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Illi t-Tribunal, filwaqt li jaqbel li jista' jirregola l-procedura tieghu innifsu ai fini ta' pratticita`, ma jaqbilx illi m'ghandux josserva d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi din l-osservanza tad-dettami tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta iggib maghha certa uniformita` u certezza u b'hekk it-

[1] Ara n-Nota tas-socjeta` rikorrenti a fol. 29 tal-process numru 23/2015 allegat mal-process odjern

Tribunal huwa tal-fehma illi, sa fejn applikabbli, d-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ghandhom ikunu osservati anke minn dan it-Tribunal.

Illi ladarba s-socjeta` rikorrenti ghazlet li ccedi l-atti tar-rikors propost minnha bin-numru 23/2015 u regghet ipproponiet rikors iehor dwar l-istess mertu kontra l-istess intimat, hija kellha, qabel tintavola it-tieni rikors, tara li thallas l-ispejjez dovuti lill-Awtorita` intimata. Tali hlas jirrizulta, anke *ex admissis* mis-socjeta` rikorrenti,[2] li ma sarx.

Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata ghandha ragun fl-ewwel eccezzjoni taghha.

**DECIDE**

Ghaldaqstnt, ghar-ragunijiet fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u jiddikjara l-azzjoni odjerna dezerta.

Bl-ispejjez a karigu tas-socjeta` rikorrenti.

____________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**

[2] Ara verbal datat 20 ta' Gunju 2016